MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 379/2004/1

**Leonard Cutajar**

**v.**

**Dr Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tad-29 ta' Novembru 2004 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-assenti Michelle Cutajar**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, fit-30 ta' Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti annullat iz-zwieg ta' l-attur ma' martu Michelle Cutajar celebrat Malta fis-27 ta' Gunju 2000.

**2.** F'dan il-kaz, kif jidher mill-okkju tal-kawza, il-konvenuta, peress li kienet assenti minn Malta, x'aktarx fi Franza, kienet rappresentata minn kuraturi deputati li fl-eccezzjonijiet moghtija minnhom u presentati fit-2 ta' Frar 2005 huma fissru li "ma kienu jafu xejn dwar il-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'l quddiem."[1] Konformement mad-digriet ta' l-ewwel Qorti tal-20 ta' Jannar 2005[2], l-attur ippresenta l-provi tieghu permezz ta' tlett affidavits li gew ezibiti fl-atti permezz ta' nota datata 3 ta' Frar 2005[3]. L-ewwel Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-26 ta' April 2005[4].

**3.** F'dik l-udjenza tas-26 ta' April 2005 la deher l-Avukat Dott Renzo Porsella Flores (li, kif spjega fl-udjenza quddiem din il-Qorti, cioe` l-Qorti tal-Appell, tat-13 ta' Marzu 2007, inzerta inqabad f'awla ohra meta ssejhet il-kawza), u anqas deher il-kuratur deputat l-iehor, cioe` l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, u dan minkejja dak li jipprovdi car l-Artikolu 925 tal-Kap. 12. Ma nghatat ebda raguni ghala dana l-Prokuratur Legali naqas milli jidher fl-udjenza in kwistjoni tas-26 ta' April 2005.

**4.** F'din l-udjenza tas-26 ta' April 2005[5] id-difensur tal-attur iddikjarat li l-attur ma kellux aktar provi xi jressaq, u ddikjarat ukoll li hija ma kellha ebda indirizz tal-assenti li setghet tghaddi lill-kuraturi sabiex dawna jkunu jistghu jikkuntattjaw lill-istess assenti[6]. L-ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2005.

[1] Fol. 17.
[2] Fol. 13.
[3] Fol. 19.
[4] Ara l-avviz, mahrug fl-20 ta' Jannar 2005, a fol. 16 *tergo*.
[5] Fol. 34.
[6] Fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2007 quddiem din il-Qorti, id-difensur tal-attur appellat, l-Avukata Dott. Ruth Scott, regghet iddikjarat li l-attur m'ghandux l-indirizz tal-konvenuta, izda kellu biss numru tat-telefon li permezz tieghu kien jikkomunika ma' bintu.

**5.** Fl-20 ta' Mejju 2005 l-kuraturi msemmija talbu, permezz ta' rikors, li l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, u tahtar Assistent Gudizzjarju "sabiex isiru almenu zewg seduti sabiex l-esponenti jilhqu jaghmlu l-kontro-ezami ta' l-attur u taz-zewg xhieda li ressaq". Dik il-Qorti, minghajr ma ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, ordnat in-notifika tal-kontroparti b'digriet datat 23 ta' Mejju 2005[7]. Peress li minkejja diversi tentattivi, l-attur ma setax jigi notifikat b'dan ir-rikors[8], l-imsemmija kuraturi, b'rikors datat 28 ta' Gunju 2005, talbu n-notifika wara l-hinijiet legali, u l-ewwel Qorti laqghet it-talba b'digriet moghti f'dik l-istess gurnata[9]. Jumejn wara – 30 ta' Gunju 2005 – meta allura kellha tinghata s-sentenza – l-ewwel Qorti rrevokat id-digriet taghha tat-23 ta' Mejju 2005 wara li nnutat li r-rikors tal-20 ta' Mejju 2005 kien ghadu ma giex notifikat, u ghalhekk cahdet it-talbiet ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u ghan-nomina ta' Assistent Gudizzjarju biex jisma' l-kontro-ezami, kif kontenuti fl-imsemmi rikors tal-20 ta' Mejju 2005[10]. Fl-istess gurnata ghaddiet ghas-sentenza.

**6.** Huwa f'dan l-isfond li l-kuraturi deputati *nomine* appellaw mis-sentenza tat-30 ta' Gunju 2005. Huma qed jitolbu li din il-Qorti thassar id-digriet tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u anke thassar is-sentenza appellata, u tibghat kollox lura lill-ewwel Qorti, presumibbilment biex huma jkollhom l-opportunita` li jaghmlu l-kontro-ezamijiet kif minnhom indikat fir-rikors tal-20 ta' Mejju 2005.

**7.** Din il-Qorti ma tistax tara kif tista' tilqa' dana l-appell, appell li jirrazenta l-fieragh. Il-kuraturi certament ma jistghux jilmentaw li ma nghatawx, f'isem il-persuna li huma kienu qed jirrapresentaw fuq inkarigu tal-Qorti, l-opportunita` li jressqu provi jew li jaghmlu l-kontro-ezami. Kieku wiehed miz-zewg kuraturi indenja ruhu jidher – kif wara kollox hu obbligu taghhom li t-tnejn jidhru skond l-

[7] Fol. 40.
[8] Ara riferti negattivi a fol. 42 *tergo*.
[9] Ara fol. 36.
[10] Ara fol. 45.

imsemmi Artikolu 925 tal-Kap. 12 – fl-udjenza tas-26 ta' April 2005 seta' facilment jaghmel it-talba ghall-kontro-ezami f'dik l-udjenza b'mod li l-kawza ma kienitx tithalla ghas-sentenza. L-ewwel Qorti, meta allura ma kienet qatt issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, kienet perfettament intitolata li tippronunzja dik is-sentenza fit-30 ta' Gunju 2005. Il-fatt li ma kienitx irrevokat ukoll id-digriet tat-28 ta' Gunju 2005 ghan-notifika wara l-hinijiet legali huwa immaterjali. Jekk il-konvenuta sofriet xi pregudizzju dan kien unikament attribwibbli ghan-nuqqasijiet ta' min kien qed jidher ghaliha u, kwazi *per antonomasia*, ghan-nuqqasijiet taghha. Inoltre ghandu jinghad li, kif gie vverbalizzat fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2007, l-iskop tal-kontro-ezami kien intiz primarjament biex il-kuraturi jiksbu informazzjoni dwar l-indirizz tal-konvenuta, biex imbaghad, se mai, jikkomunikaw maghha u jaraw jekk ikunx il-kaz li jsir kontro-ezami fil-meritu. Anke hawn din il-Qorti tifhem illi l-imsemmija kuraturi setghu, kieku wiehed minnhom deher fl-udjenza tas-26 ta' April 2005, jindikaw li jridu jharrku lill-attur limitatament ghal dan il-fini, u l-kawza ma kienitx tithalla ghas-sentenza.

**8.** Thares kif thares lejn dana l-appell, din il-Qorti ma tarax kif tista' tilqghu.

**9.** Konsegwentement tichad l-appell interpost u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jibqghu a karigu tal-konvenuta assenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------